**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 58 / 2020**

**Il-Pulizja**

**Vs**

**Raymond Azzopardi**

Illum 28 ta' Lulju, 2020

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Raymond Azzopardi detenur tal-karta tal-identita Maltija 327177 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fis-16 ta' Frar, 2017, ghall-habta ta' 11.30hrs gewwa Ta' Xmun Farm, Triq ir-Rabat, Dingli, bhala persuna li ghandu licenza biex izomm jew biex ikollu f' idejh jew fuqu aram tan-nar jew munizzjon naqas li jzommha fil-kustodja tieghu b' mod li ma tkunx tista' tigi f' idejn haddiehor u dan bi ksur tal-Kap 480, Art 47 (1).

Akkuzat ukoll talli fl-istess data, lok hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja that l-Art 27 (1) tal-Kap 480 naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f' dik il-licenzja.

Akkuzat ukoill talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kellu fil-pussess tieghu arma tan-nar u / jew munizzjon barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur tal-kap 480, Art 5 (3).

Il-Qorti hija ukoll mitluba li barra l-piena skond il-Ligi tirdna s-sopensjoni tal-licenzja that il-Kap 480 tl-Att dwar l-Armi tal-Ligijiet ta' Malta ghal zmien li jidhrilha xieraq din il-Qorti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-26 ta' Frar, 2020, fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 5 (3), 27 (1), 47 (1), 51 (8) (9) u 57 tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' malta, sabet lill-imputat hati tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront tieghu u ikkundannatu ghal hlas ta' multa ghas-somma ta' 500 mitt Ewro, kif ukoll ai termini ta' l-Art. 57 tal-kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta, ordnat s-sospensjoni ta' kull licenzja mahruga lil hati, kif ukoll tipprojbixxi lil hati milli jkollu xi licenzja that dan l-Att, ghall-perjodu ta' sentejn mill-lumm.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Raymond Azzopardi, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nharis-6 ta' Frar, 2020, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tilqa' dan l-appell billi **TIRRIFORMA** s-sentenza appellata billi **THASSARHA, TANNULAHA U TIRREVOKAHA** in kwantu l-imputazzjonijiet migjuba kontrih, tiddikjarah mhux hati taghhom u konsegwentement tilliberah minnhom;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huwa car u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

<u>Illi l-aggravji tal-appellant jikkoncernaw:</u>

1) <u>l-apprezzament zbaljat li ghamlet l-Ewwel Qorti, tal-provi prodotti quddiemha stante li ma setghet qatt ikollha livell ta' prova sal-konvinciment morali tal-imputazzjonijiet migjuba kontra l-appellant,</u>
2) <u>il-piena erogata fil-konfront tal-appellant.</u>

**A. <u>Apprezzament Zbaljat tal-Provi</u>**

Illi jigi umilment sottomess bid-dovut rispett illi, l-Ewwel Onorabbli Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha stante' illi kien hemm diversi punti illi l-Ewwel Qorti ghazlet illi jew tinjorahom jew ma temminihomx jew inkella tassumihom minghajr ebda prova.

Illi preliminarjament jigi rilevat illi ghar- rigward l-imputazzjoni li huwa naqas li jzomm l-arma fil-kustodja tieghu b'mod li ma tkunx tista' tigi f'idejn haddiehor l-Ewwel Qorti injorat ghal kollox il-fatt li r-rapport promotur kien sar mill-appellant stess minhabba serqa li kienet saret fir-razzett tieghu fejn kellu l-arma!

Illi bid-dovut rispett, l-appellant ma ghandux jinstab hati ghaliex xi hadd iehor ivvanta drittijiet fuq il-propjeta` tieghu u seraq hwejgu! Kien ghalhekk illi l-appellant mar min jeddu jaghmel rapport l-ghassa u dan ghaliex minkejja lill-arma kienet f'cupboard li jissakkar bic-cavetta, l-allegat halliel irnexilu jiehu l-istess minghajr ebda awtorizzazzjoni u ebda kunses tal-appellant.

Illi tajjeb jigi sottolinejat illi skont l-affidavit ta' PC 1573, kien ghall-habta tal-11:10hrs li l-appellant ra l-arma l-ahhar darba *"izda ftit tal-hin wara, ghal habta tal-11:30hrs induna li ma kinitx ghadha hemmhekk."* Illi dan juri bic-car illi huwa ghamel minn kollox biex din l-arma ma tasalx f'idejn haddiehor u dan peress illi poggieha go cupboard li jissakkar u mar jiccekjaha tant li kien hemm ftit tal-hin qabel li nsterqet.

Illi bid-dovut rispett, jirrizulta ghalhekk illi l-prosekuzjoni ma rnexxielieх tipprova sal-grad rikjest mill-ligi li huwa naqas li jzzommha fil-kustodja tieghu b'mod li ma tkunx tista' tigi f'idejn haddiehor u dan bi ksur tal-Kap 480 Art 47 (1).

Illi l-appellant ma ghandu ghalfejn jipprova xejn; filwaqt illi kif tiddetta l-Ligi u anke' jghalmuna l-Qrati taghna, hija l-Prosekuzzjoni li trid tipprova l-kaz taghha lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni.

Ghaldaqstant, l-esponenti appellant umilment jissottometti illi l-Onorabbli l-Ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi migjuba quddiemha u sussegwentament skorretament sabet lill-appellant hati.

**B. <u>Piena Erogata</u>**

Illi minghajr pregudizzju ghal dak kollu suespost, l-appellant qieghed jinterponi dan l-appell ukoll mill-piena erogata fil-konfront tieghu mill-Ewwel Onorabbli Qorti. Illi l-esponent umilment jirrileva illi l-piena moghtija hija wahda eccessiva, u cioe' dik ta' multa ta' hames mitt ewro (€500) u sospesjoni ta' kull licenja mahruga lilu u projbizzjoni li jkollu xi licenzja taht dan l-Att ghall-perjodu ta' sentejn mid-data tas-sentenza.

Illi anke gurisprudenza nostrana ricenti mill-Qorti tal-Appell Kriminali si tratta sitwazzjonijiet simili fejn il-hati trasferixxa b'mod volontarju l-arma tieghu, il-Qorti kkonfermat is-sentenza ta' multa lejn il-minimu minghajr ebda sospensjoni u/jew projbizzjoni tal-licenzji taht l-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant ghaldaqstant jaghmel referenza ghas-sentenzi **Pulizija vs. Aloysius Mangion** u **Pulizija vs. Anthony Mangion** li ghaddew in gudikat fid-29 ta' Novembru 2018 mill-Qorti tal-Appell Kriminali.

Ghalhekk, kif inqtal mill-Qrati Maltin l-ghan ewlieni hi illi jkun hemm rimedju retributtiv aktar milli dak restorattiv, u ghaldaqstant meta tara l-piena inflitta komplessivament din ma tohloqx bilanc bejn l-aspett retributtiv u dak riformattiv, tant accenat u accettat, fil-kuncett ta' gustizzja kriminali fiz-zminijiet ta' llum.

Ghalhekk, in vista ta' dak kollu suespost, l-esponent umilment jirrileva illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ma kellhiex issibu hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih, u ghaldaqstant ghandu jigi liberat;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tat-23 ta' Lulju, 2020.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit ta' **PC 1573 J Callus** mahluf minnu nhar il-21 ta' Frar, 2017 fejn stqar li nhar is-16 ta' Frar, 2017 ghall-habta tas-19.40 pm gewwa l-ghassa tal-pulizija tar - Rabat l-akkuzat appellant irraporta li l-gurnata ta' qabel u cioe' fil-15 ta' Frar, 2017 ghal habta tal-11.30 a.m innota li kellu pistola nieqsa minn gor-razzett tieghu (Ta' Xmun Farn,Triq ir Rabat, Dingli). Din il-pistola hija tal-ghamla Glogg u ghandha serial number MAU483. Qal li din tinsab registrata fuq ir-residenza Angie, 59 Triq Kola Xara, Rabat izda kienet fir-razzett imsemmi sabiex ikun jista' johodha go hanut ghat-tiswija.

l-appellant allegatament spjegalu li l-arma kienet f'cupboard li jinsab go garaxx fl-imsemmi razzett. Kompla jistqarr li dan il-cupboard kien imsakkar izda ic-cavetta kienet qieghda fil-post. Kompla jispjega illi l-bierah ghal habta tal-11.10 ra l-imsemmija arma fil-post izda ftit tal-hin wara ghal habta tal-11.30 induna li ma kienitx ghadha hemmhekk. Spjega ukoll li sa fejn hu l-unika persuna li dahlet fir-razzett hu certu Jospeh Azzopardi.

Huwa ghamel kuntatt ma dan Joseph Azzopardi u dan qallu li xoghlu hu xufier mal-kumpanija KPH u jgorr il-gwiez fl-iziezet. Ikkonferma li vera kien qieghed fir-razzett mal-appellant nhar il-15 ta' Frar, 2017 izda lanqas kien jaf li kien hem arma gewwa '*cupboard*'. Qal li dahal fir-razzett hatta il-gwiez u telaq. Qal ukoll li kien ilu imur fir-razzett kemm ilu armat l-appellant u li qatt ma kellu problemi mieghu u ma jafx ghaliex l-akkuzat semma lilu.

Huwa imbaghad infruma lil PS 1021 kif ukol lill Ispettur Elliot Magro. Qal li fuq stuzzjonijiet ta' l-ispettur Magro ikkomunika mal- membri tas- SOCO sabiex jiehdu xi impronti digitali u ritratti ta' dan il-cupboard minn fejn insterqet l-arma

**PS 1225** ipprezenta licenzja tal-armi li ghandu l-akkuzat appellant detentur tal- karta ta' identita numru 327177(M). Dwar l-arma tal-ghamla Glogg nurmu ta' registrazzjoni MAU 483 li hija registrata f'isem l-akkkuzat u ilha hek registrata fuqu sa mid-29 ta' Setttembru 2016 kif jirrizulta mid-document RA4. Minn ezami ta' dan id-dokument jirrizulta li l-akkuzat kellu licenzja biex izomm arma tan- nar ghal sparer u plattini S/Gun arma ta' l-arja u arma 'black powder' minn u ghal range licenzjat. Kif ukoll target shooter (long/short firearm) ghall-gara ta' arma tan-nar twila/qasira u 'crossbow'/Qaws minn u ghal range licenzjat. pero' ma hemm l-ebda referenza ghal arma in kwistjoni u cioe' dik tal-ghamla Glogg serial number MAU 483 u ghalhekk possibilment l-akkuzat ghandu xi licenzja ohra.

**PS 1021 Christian Cauchi** spjega li kien detaljat l-ghassa tal-pulizija tal-Hamrun ilahhaq l-ghassa tal-pulizija tar-Rabat u ghall-habta ta' tat-7.40 p.m kien cempillu l-*orderly* tal-ghassa tar-Rabat u infurmah li Raymond Azzopardi mar jirraporta li insterqitlu l-arma tan-nar li kellu. Qallu ukoll li din l-arma tal-ghamla Glogg serial number MAU 483 kellha tinzamm fil-fond 'Angie' 59, Triq Kola Zahra, Rabat pero' insterqet minn go cupboard illi ghandu fir-razzett tieghu. Qallu ukoll li sgass f dan il-cupboard ma kienx hemm u c-cavetta kienet ghadha hemmhekk. Qallu li staqsih jekk kienx hemm xi hadd li dahal ghandu u qallu li kien hemm persuna li haditlu xi gwiez lejliet. Spjega li kien hemm il-membri tas SOCO li marru fuq il-post u hadu xi finger prints u ghalhekk gie imhejji rapport bin-numru 7Q331/2017 ezebit fl-atti u markat bhala dok RA3. Qal li Azzopardi qallu li kellu jiehu din l-arma ghat-tiswija.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti rat ukoll it-traskrizzjoni tat-trattazzjoni maghmula mill-avukat difensur tal-akkuzat nhar id-9 ta' Ottubru 2019 quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhal Qorti ta' Gudikatura Kriminali u l-aggravji sollevati fir-rikors tal-appell u tinnota li r-rikros ta' l-appell ma hux mibni biex isahhah it-trattazzjoni li kisenet saret quddiem l-ewwel Qorti. pero' l-ewwel aggravju li jittratta ir-rikros tal-appell kien dwar apprezzament zbaljat ta' provi u dan ikopri diversi cirkostanzi fejn l-Qorti setghet ghamlet apprezzament hazin tal-provi prodotti.

F'dan ir-rigward jinghad li l-prosekuzzjoni ghogbitha takkzua lill-appellant fuq zewg disposizzjonijeit tal-ligi tal-kapitolu 480 li jirrigwardaw l-allegat licenzja li tohrog mill-kummissjaru tla-pulizija. Fl-ewwel lok l-appelalnt hu akkuzat talli bhal persuna li ghandha licenzja biex izomm jew ikollha f'idejha arma tan-nar jew munizzjoni maqset li izzomha fil-kustodja taghha b'mod li ma tistax tigi f'idejn haddiehor. F'dan ir-rigward kien jispetta l-prosekuzzjoni bhala provi tipprezenta il-licenjza li allegtament kiser l-appellant. Minn esami tal-atti akkweziti jirrizulta li hemm licenzja li tirrigwarda target shooting u ghall-perijodu ta' bejn 1 ta' Jannar 2018 u 31 ta' Dicembru 2018. Ghalhekk din il-licenzja zgur li m'ghandhiex x'taqsam xejn mal-akkzua moghtija mill-prosekuzzjoni fil-konfront tal-appellant. Huwa minnu li l-pulizija resqet lil PS 1225 jixhed fejn qal li l-appellant kellu licenzja mahruga mill-kummissarju tal pulizija biex izomm arma Glogg serial number MAU 483 u jghid li fil-fatt giet registrata f'ismu nhar id-29 ta' Settembru 2016 pero' imbagahd jghid dan kollu jirrizulta mid-dokument li kien qed jesbeixxi u cioe' id document RA4 li jghid haga totalment divers. Ghalhekk din l-akkzua ma tista qatt tigi provata u ghalhekk l-appellant kellu ragun jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprzzametn zbaljata.

Fit-tieni lok l-akkzuat appellant gie akkuzat talli bhala pussessur ta' licenzja taht l-artikolu 27(1) tal-Kap 480 tal-Ligijiet ta' Malta naqas li ihares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja. Ghal darb ohra il-proskeuzzjoni kellha l-obbligu li tipprezenta din il-licenjza u dan sabiex il-Qorti tkun f' posizjoni tara x'kienu il-kundizzjonijiet u b'hekk tkun tista' tikkonkludi wara li tisma' u tanalizza l-provi kollha jekk fil-fatt verament kienx hemm xi skur ta' kundizzjoni ta' licenzja. Dan l-esercizzju din il-Qorti kienet priva li taghmlu stante li l-licenzja qatt ma giet

prezentata u ghalhekk l-appellant kellu ragun jghid li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat tal-provi imressqa.

Dwar it-tielet akkzua u cioe' li l-appellant naqas li jkollu fil-pusess tieghu arma tan-nar barra mill-fond imsemmi fil-licenzja mahruga mill-kummissarju tal-pulizija. Jinghad li l-ahjar prova kienet tkun ghal darb ohra il-licenjza allegatament mahruga mill-kummissarju tal-pulizija li bagqhet ma gietx prezentata fl-atti. Dan qed jinghad ghaliex l-appellant gie akkuzat li kkommetta dan ir-reat f'jum partikolari u cioe' fis-16 ta' Frar, 2017. Illi huwa minnu li PS 1021 Christian Cauchi jghid li l-appellant kellu licenzja biex izomm arma Glogg serial number MAU 483 gewwa il-fond 'Angie' 59, Triq Kola Zahra, Rabat pero' x'kienu l-kundizzjonijiet l-ohra ma jghid xejn dwarhom u mhux hekk jghamel referenza ghal dokument beix jipprova jikkolobnora dak li qal izda id-document jghid xi haga kompletament differenti. In olte dan is-surgent ma jghatix l-indikazzjoni dwar perijodu li tkopri din l-allegata licenjza. Jirrizulta li vermaent l-akkuzat ghamel rapport dwar il-fatt li insterqitlu arma mir-razzzett tieghu u jghid li skond il-licenzja tieghu din l-arma ghandha tinzamm fil-fond Angie 59, Triq Kola Xara, Rabat pero' apparti l-fatt li dak li stqarr l-akkuzat ma tikkostitwixxi l-ebda prova ghaliex ma jirrziultax li inghata id-dritt tieghu li jibqa' sieket biex ma jinkriminax ruhu xorta ma jghdix liema perijodu tkopri il-licenjza li setgha kellu.

Ghalhekk din it-tielet akkzua ukoll ma tirrizultax.

Dwar l-aggravju tal-piena din il-Qorti ma ghandha xejn x'tikkummenta stante li qeda tillibera lill-appellant minn kull akkuza

Ghaldaqstant din il-Qorti qeghdha tilqa' l-appell tal-appellanti u qed thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti u tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni u piena

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur